MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 364/2009

Kawza fil-lista: 23

**GH f'ismu proprju u ghan-nom**
**w in rapprezentanza ta' bintu minuri RY**
**vs**
**TP**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur, in sostanza, ippremetta: li minn relazzjoni bejn il-partijiet twieldet it-tifla RY fit-3 ta' April 2008; li llum ir-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet; li l-attur ottjena mandat t'inibizzjoni sabiex iwaqqaf lill-konvenuta, li hi ta' nazzjonalita' Ingliza, milli tiehu lit-tifla barra minn Malta; li t-tifla qed tigi privata mill-konvenuta milli tirrelata mal-attur; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex jipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk, in sostanza, qed

jitlob li din il-Qorti: tiffissa retta alimentarja dovuta ghall-minuri, inkluz kif ser jithallsu l-ispejjez edukattivi u medici rigwardanti t-tifla;  takkorda lill-attur il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, jew alternattivament, tordna li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, bi dritt t'access favur l-intimata;  "tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni li gie akkordat fit-23 ta' Novembru 2009";  bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta qalet: li mhuwiex fl-interess tal-minuri li dina tigi fdata fil-kura u kustodja tal-attur, filwaqt li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' f' idejn il-konvenuta, bid-dritt ta' access xieraq favur l-attur u bl-obbligu li dan ihallas manteniment xieraq ghat-trobbija tal-minuri;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenuta rikonvenzjonanti; u li tinsab a fols.98 sa 100 tal-process, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A];

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenjzonat;  u li tinsab a fols.103 sa105 tal-process, u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici B];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla RY, jew, alternattivament li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, b'access favur l-omm;  sabiex din il-Qorti tipprovdi dwar l-ispejjez relatti ghall-minuri;  kif ukoll sabiex tinibixxi lill-konvenuta milli tohrog lill-minuri barra minn dawn il-Gzejjer.

Min-naha taghha l-konvenuta ssostni li, tenut kont tal-eta' zghira tal-minuri, it-tifla ghandha tibqa' tghix maghha fil-kura u kustodja esklussiva taghha, filwaqt li l-attur ikollu access adegwat ghat-tifla, bl-obbligu li jhallas manteniment xieraq.

**Kura u Kustodja**

Illi jigi iosservat fir-rigward, li l-interessi tal-minuri huma supremi; u f' dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehema li huwa fl-interess tat-tifla, li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta bejn il-partijiet;  izda t-tifla, li llum ghandha erba' snin, tibqa' tghix mal-omm;  bid-dritt ta' access favur il-missier kif ser jinghad:

[a] Kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mis-2.30 pm sas-7.00 pm; u fil-weekend, b' mod alternat, mill-Gimgha 5.00 pm sas-Sibt 10.00 am, u mis-Sibt 5.00pm sal-Hadd 10.00 am;

[b] F'Jum-il Missier u f' gheluq snin l-attur, dan ikollu access tenut kont tal-impenji edukattivi tal-minuri, mid-9.00 am sas-6.30 pm;

[c] F'gheluq snin il-minuri, l-attur ikollu access mill-4.00 pm sas-7.00 pm;

[d] F'Jum il-Milied u fl-Ewwel tas-Sena, l-access ikun b'mod alternat bejn iz-zewg festi, mill-9.30 am sal-4.30 pm, u mill-4.30 pm sas-8.30 pm;

Illi fil-hin tal-access, partikolarment l-access tal-weekend, l-attur ghandu jirrelata b' mod attiv mal-minuri.

Illi jekk l-access jaqa' f' gurnata li tinzerta Jum-l Omm, gheluq snin l-Omm jew okkazzjoni ohra li fiha, bi qbil bejn il-partijiet, il-minuri tkun ser toqghod mal-omm, il partijiet ghandhom jaqblu fuq data alternattiva li fiha l-missier ikollu access tal-istess durata u bl-istess kondizzjonijiet.

Illi fl-vaganzi tal-Milied u tal-Ghid u dawk estivi, l-access favur il-missier ghandu jigi estiz u ghandu jkun stabbilit bi qbil bejn il-partijiet jew bl-intervent tal-Qorti.

**Manteniment**

Illi l-provi fir-rigward huma skarsi ghall-ahhar. Jidher li l-attur ghandu s-sengha ta' chef, filwaqt li l-konvenuta tahdem bhala waiter; izda ma ngabux provi dwar l-introjtu tal-partijiet.

Illi fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2012 il-konvenuta pproponiet li l-manteniment dovut mill-attur ikun ta' tmenin ewro (€80) fil-gimgha, filwaqt li l-attur jiddikjara li hu mhux fil-pozizzjoni li jhallas aktar minn  hamsa u sittin ewro (€65) fil-gimgha.

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li rebus sic stantibus l-ammont ta' €65 fil-gimgha huwa manteniment xieraq ghal tifla ta' erba' snin, tenut kont ukoll li anke l-konvenuta tista' tghin lilha nnifisha finanzjarjament. Ghalhekk il-Qorti tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta dan l-ammont settimanali, oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici kontra d-debiti ricevuti; izda spejjez medici ta' natura straordinarja ghandhom isiru bi qbil bejn iz-zewg partijiet. Tordna wkoll li l-imsemmija r-retta alimentarja tizdied kull sena skont l-indici ufficjali mahrug mill-Gvern dwar l-gholi tal-hajja.

**Residenza**

Illi tenut kont tal-fatt li l-konvenuta hija cittadina Ingliza, u ghalhekk tinholoq il-htiega li din okkazjonalment issiefer lejn pajjizha, anke sabiex izzur bit-tifla l-qraba taghha hemmhekk; il-Qorti qed tafferma li r-residenza habitwali tal-minuri hija Malta, u li l-istess minuri m'ghandhiex tinhareg barra minn dawn il-Gzejjer jekk mhux bil-kunsens bil-miktub taz-zewg partijiet, jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni u dwar il-kontro-talba billi tilqa' l-istess limitatament kif ser jinghad:

[1] tilqa' t-talba ghal kura u kustodja, limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja'; u li l-access favur il-missier ikun kif stabbilit fl-istess sezzjoni;

[2] tilqa' t-talba dwar il-manteniment ghall-minuri, u tordna li dan jigi mhallas mill-attur lill-konvenuta fit-termini ta' kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[3] tilqa' t-talba dwar l-inibizzjoni tal-omm li ssiefer bil-minuri, limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Residenza';

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------